



Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2015/2147(INI)

16.11.2015

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar is-sugġett "Lejn Att dwar is-Suq Uniku Digitali"
(2015/2147(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Jutta Steinruck

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni tas-6 ta' Mejju 2015, bit-titolu "Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa" (COM(2015)0192),
 - wara li kkunsidra l-proċedura fuq inizzjattiva proprja bit-titolu "Protezzjoni soċjali għal kulħadd, inklużi l-persuni li jaħdmu għal rashom" (2013/2111(INI)),
 - wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tiegħu għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur tiegħu dwar suq integrat għall-konsenja tal-pakketti għat-tkabbir tal-kummerċ elettroniku fl-UE (2013/2043(INI)),
- A. billi 35% tal-popolazzjoni tal-UE jinsabu f'riskju ta' esklużjoni mis-Suq Uniku Diġitali, b'mod partikolari dawk li għandhom iktar minn 50 sena u l-persuni b'diżabilità;
- B. billi d-domanda għal ħaddiema b'ħiliet diġitali qed tikber b'madwar 4% fis-sena, 47% tal-forza tax-xogħol tal-UE m'għandhomx biżżejjed ħiliet diġitali, in-nuqqas ta' professjonisti tal-ICT fl-UE jista' jaqbeż it-800 000 sal-2020 u n-nuqqas ta' ħiliet fl-ICT jista' jikkawża sa 900 000 post tax-xogħol battal sal-2020 jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni deċiżiva;
- C. billi 1.7% biss tal-intrapriżi tal-UE jagħmlu użu sħiħ mit-teknoloġiji diġitali avvanzati, filwaqt li 41% ma jużawhom xejn; billi d-diġitalizzazzjoni tas-setturi kollha hija kruċjali biex tinżamm u tittejjeb il-kompetittività tal-UE;
- D. billi l-promozzjoni tal-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, kif definit fl-Artikolu 3 TUE u l-Artikolu 9 TFUE, hija wkoll objettiv tas-suq intern tal-UE;
- E. billi l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità huwa dritt fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif stipulat fl-Artikolu 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
1. Jilqa' l-Istrateġija tal-Kummissjoni tas-Suq Uniku Diġitali, li toffri opportunitajiet għall-innovazzjoni, it-tkabbir u l-impjiegi; jenfasizza li r-rivoluzzjoni diġitali se tbiddel b'mod sinifikanti s-suq tax-xogħol Ewropew bil-ħolqien ta' impjiegi ġodda li jirrikjedu ħiliet diġitali; jenfasizza, għalhekk, li huwa meħtieġ li d-direzzjoni tagħha tissawwar b'mod li jkun soċjalment ġust u sostenibbli;
 2. Jiddispijaċih, madankollu, li l-Istrateġija tal-Kummissjoni tas-Suq Uniku Diġitali hija primarjament limitata għal kunsiderazzjonijiet tekniċi; jitlob li r-rivoluzzjoni diġitali titqies bħala mutur ewlieni fit-tiswir ta' għamliet ġodda ta' ħajja u (ta'?) xogħol; jenfasizza l-ħtieġa li l-kunsiderazzjonijiet soċjali jitqiesu fl-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali sabiex jittieħed vantaġġ sħiħ mill-potenzjal ta' tkabbir u ta' impjiegi relatat;
 3. Jirrimarka li r-rivoluzzjoni diġitali diġà biddlet ħafna s-suq tax-xogħol f'xi oqsma u din ix-xejra se tkompli tintensifika matul il-ftit snin li ġejjin; jenfasizza li, minn naħa waħda, id-

diġitalizzazzjoni tiġġenera mudelli ġodda ta' negozju u impjiegi ġodda, speċjalment għal ħaddiema b'ħiliet għoljin iżda wkoll għal dawk b'ħiliet baxxi, iżda min-naħa l-oħra, hija tikkawża wkoll l-esternalizzazzjoni tal-impjiegi jew ta' partijiet ta' impjieg lejn pajjiżi b'kostijiet lavorattivi baxxi; jirrimarka li, minħabba l-awtomazzjoni, xi impjiegi saħansitra jgħibu kompletament, speċjalment xogħol li jirrikjedi ħiliet medji;

4. Jirrikonoxxi li s-Suq Uniku Diġitali jista' jsir realtà biss meta jkun hemm aċċess għal infrastruttura tal-broadband bi prestazzjoni għolja fir-reġjuni kollha tal-UE kemm f'żoni urbani kif ukoll f'żoni rurali;
5. Jemmen li l-ostakli għan-negozju diġitali u transfruntier huma ostakli għat-*tkabbir* u l-*ħolqien* tal-impjiegi;
6. Iqis li d-diġitalizzazzjoni intenzjonata u mmirata tad-dinja tax-xogħol hija opportunità kbira għall-*ħolqien* ta' kultura tax-xogħol ġdida fl-Ewropa;
7. Jinnota li n-negozji l-*ġodda* huma mutur importanti għall-*ħolqien* nett ta' impjiegi fl-UE u li fi *żminijiet* ta' qgħad għoli f'ħafna Stati Membri s-Suq Uniku Diġitali joffri opportunità unika għall-SMEs, il-mikrointrapriżi u n-negozji ġodda sabiex jistimulaw *tkabbir* u l-*ħolqien* tal-impjiegi;
8. Jenfasizza l-*ħtieġa* li jinħoloq Suq Uniku Diġitali b'saħħtu u ta' suċċess, u jitneħħewlu l-ostakli *żejda* sabiex il-konsumaturi u n-negozji jingħataw opportunitajiet u fiduċja biex joperaw fl-UE, u dan min-naħa l-oħra se jiġġenera opportunitajiet ġodda ta' impjiegi sostenibbli u fit-tul;
9. Jenfasizza x-xejra riċenti ta' kumpaniji li qed iġibu lura l-produzzjoni u s-servizzi lejn l-Ewropa u l-opportunitajiet li dan iġib għall-*ħolqien* tal-impjiegi; jemmen li l-*ikkompletar* tas-Suq Uniku Diġitali jista' jgħin biex jaċċellera din ix-xejra ta' rilokalizzazzjoni tal-impjiegi;
10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-impjiegi u l-politiki soċjali jżommu l-pass ma' dak kollu li huwa possibbli għall-*intraprenditorija* u l-*innovazzjoni* diġitali biex jibbenefikaw mill-opportunitajiet u jimmaniġġjaw riskji potenzjali li jistgħu jkunu assoċjati miegħu; jirrikonoxxi li jista' jkun hemm *bżonn* ta' aġġustamenti fl-impjiegi u l-politika soċjali; jirrimarka li l-*miżuri* mmirati lejn l-*indirizzar* ta' sfidi speċifiċi tas-suq tax-xogħol, pereżempju l-*integrazzjoni* tal-persuni b' *diżabilità*, iż-*żgħażaġħ* u l-*qgħad* fit-tul, id-*dumping* soċjali u t-*tibdil* demografiku – għandhom jiġu indirizzati wkoll fl-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali; iqis li hija meħtieġa infrastruttura diġitali, bħal *netwerks* tal-broadband bi prestazzjoni għolja, biex jitneħħew l-ostakli fil-*kummerċ* diġitali u transfruntier;
11. Jitlob skambju regolari tal-*aħjar* prattiki fost il-partijiet interessati rilevanti kollha, inklużi s-*sħab* soċjali, sabiex jiddiskutu kif tali *viżjoni* diġitali Ewropea tista' tiġi *żviluppata*, kif għandha tissawwar l-Ewropa diġitali futura, u kif għandhom jitfasslu l-*industrija* 4.0, il-*postijiet* tax-xogħol 4.0 u s-servizzi diġitali *intelliġenti* abbażi ta' *pjan* direzzjonali ċar;
12. Jenfasizza l-*importanza* li jiġi *żgurat* li l-*inizjattivi* ta' politika ġodda kollha jkunu favur l-*innovazzjoni* u jkunu soġġetti għal test tal-*istress* diġitali bħala parti mill-*valutazzjoni* tal-*impatt* tagħhom, u li l-*leġiżlazzjoni* eżistenti, inkluż fil-qasam tal-impjiegi u l-politika

soċjali, għandha tiġi riveduta biex jiġi żgurat li għadha adattata għall-era diġitali;

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali u l-awtoritajiet lokali u reġjonali fejn xieraq, biex jivvalutaw l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq in-numru u t-tipi ta' opportunitajiet ta' xogħol disponibbli u biex jidentifikaw l-informazzjoni dwar forom ġodda ta' impjiegi, bħall-crowdsourcing u l-crowdworking, kif ukoll l-effetti tagħhom fuq ix-xogħol u l-ħajja privata, inkluża l-ħajja tal-familja, u s-settijiet ta' ħiliet meħtieġa biex jissodisfaw dawn l-opportunitajiet;
14. Jirrimarka li hekk kif il-profilu tal-impjiegi u l-ħiliet qed isiru aktar kumplessi, qed ikun hemm domandi ġodda – speċjalment fir-rigward tal-ħiliet tal-informazzjoni u t-teknoloġija tal-komunikazzjoni (ICT) – kemm fuq it-taħriġ kif ukoll fuq l-edukazzjoni avvanzata u t-tagħlim tul il-ħajja biex jiġi promoss il-litteriżmu diġitali u biex jiġu indirizzati l-lakuni eżistenti bejn il-ġenerazzjonijiet u bejn is-sessi, speċjalment għall-persuni żvantaġġati f'dan il-kuntest; jenfasizza l-importanza ta' sinerġiji aktar b'saħħithom li jinvolvu s-sħab soċjali u l-varji istituzzjonijiet ta' taħriġ edukattivi sabiex jaġġornaw il-kontenut tal-korsijiet u jiżviluppaw strateġiji ta' ħiliet li jgħaqqdu d-dinja tal-edukazzjoni mad-dinja tax-xogħol;
15. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, skont il-Kummissjoni, hemm nuqqasijiet sinifikanti fil-kisba tal-ħiliet. jirrimarka li l-assimetrija bejn il-provvista u d-domanda fir-rigward tal-ħiliet hija problema għall-iżvilupp tal-ekonomija diġitali, il-ħolqien tal-impjiegi u l-kompetittività tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni, bħala kwistjoni ta' urġenza, biex tiżviluppa strateġija ta' ħiliet li tista' tindirizza din l-iskarsezza ta' ħiliet;
16. Jirrikonoxxi li d-diġitalizzazzjoni se twassal għal bidla strutturali; jirrimarka li bidla strutturali hija proċess kontinwu u li l-ħiliet diġitali huma aktar flessibbli fir-rigward tal-ħtiġijiet differenti tal-industrija u huma anqas affettwati minn bidla strutturali;
17. Jistieden lill-Istati Membri biex jadattaw is-sistemi edukattivi, fejn meħtieġ, bl-għan li jippromwovu t-tagħlim u l-interess fis-suġġetti tal-matematika, l-IT, ix-xjenza u t-teknoloġija fl-istituzzjonijiet edukattivi kollha, u biex joħolqu inċentivi għan-nisa sabiex jaħdmu fil-qasam tal-ICT; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jiżviluppaw il-ħiliet diġitali tal-għalliema bħala parti mit-taħriġ tagħhom;
18. Ifakkar li n-nisa huma sottorappreżentati fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni; jirrimarka li n-nisa fl-Ewropa li jistudjaw suġġetti rari bbażati fuq l-ICT rarament isibu impjieg f'dan is-settur u rarament ikollhom karigi ta' tmexxija f'kumpaniji tat-teknoloġija; jistieden lill-Istati Membri sabiex jindirizzaw id-diskrepanza bejn is-sessi fis-settur tal-ICT billi joħolqu aktar inċentivi biex in-nisa jaħdmu f'dan il-qasam;
19. Jinnota wkoll li l-investment pubbliku u privat fl-edukazzjoni vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja huwa neċessarju sabiex jiġi żgurat li l-forza tax-xogħol tal-UE, inklużi "l-ħaddiema diġitali" li jaħdmu f'forom ta' xogħol mhux standard, tkun mgħammra bil-ħiliet it-tajba għall-ekonomija diġitali; jenfasizza li l-edukazzjoni u t-taħriġ iridu jkunu aċċessibbli għall-ħaddiema kollha; jemmen li l-opportunitajiet ġodda ta' finanzjament għal tagħlim u taħriġ tul il-ħajja huma meħtieġa, speċjalment għal intrapriżi mikro u żgħar;
20. Jenfasizza li l-kurrikuli tal-edukazzjoni u t-taħriġ iridu jimmiraw lejn approċċ tal-iżvilupp

ta' ħsieb kritiku għall-użu u l-fehim sħiħ tal-midja, apparati u interfaċċji diġitali u tal-informazzjoni ġodda, li permezz tagħhom in-nies jistgħu jkunu utenti attivi ta' dawn it-teknoloġiji ġodda u mhux sempliċiment utenti finali;

21. Jinnota li sabiex tiġi żgurata transizzjoni b'suċċess mill-edukazzjoni jew it-taħriġ għax-xogħol, huwa ta' importanza kbira li n-nies jiġu mgħammra b'ħiliet trasferibbli li jippermettulhom jieħdu deċiżjonijiet infurmati u jiżviluppaw sens ta' inizzjattiva u awtokritika, li huwa wkoll essenzjali biex jittieħed profitt mill-opportunitajiet offruti mis-Suq Uniku Diġitali; jistieden għalhekk lill-Istati Membri biex jikkunsidraw il-benefiċċji ta' ddisinjar mill-ġdid ġenerali tas-sistemi edukattivi, kurrikuli ta' taħriġ u l-metodi ta' ħidma b'mod olistiku u ambizzjuż sabiex jindirizzaw l-isfidi u l-opportunitajiet tar-rivoluzzjoni diġitali;
22. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu l-appropriazzjonijiet mill-fondi kollha possibbli disponibbli għall-impjegaturi sabiex ikunu jistgħu jinvestu aktar fit-taħriġ diġitali tal-istaff inqas ikwalifikat tagħhom jew jimpjegaw persunal bi kwalifiki baxxi bil-wegħda ta' aktar taħriġ iffinanzjat minn dawn is-sorsi; jinnota li xi Stati Membri introduċew drittijiet li jggarantixxu lill-ħaddiema intitolamenti minimi għal liv edukattiv imħallas bħala miżura sabiex jittejjeb l-aċċess tal-ħaddiema għall-edukazzjoni u t-taħriġ; jistieden għalhekk lill-Istati Membri biex jikkunsidraw, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, jekk drittijiet bħal dawn jistgħux jiġu introdotti wkoll fil-pajjiżi tagħhom;
23. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fost l-oħrajn, tuża l-appropriazzjonijiet mill-Inizzjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ biex tappoġġa assoċjazzjonijiet (movimenti lokali) li jgħallmu l-ħiliet diġitali lil żgħażaġh żvantaġġati; jistieden lill-Istati Membri biex jipprovdu appoġġ billi jipprovdu l-bini neċessarju;
24. Jenfasizza li t-tagħlim tul il-ħajja għall-ħaddiema ta' kull età għandu jkun standard fil-qasam diġitalizzat;
25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, flimkien mas-settur privat, jiżviluppaw korsijiet għat-taħriġ onlajn universali, aċċessibbli b'mod liberu, standardizzati u ċċertifikati, sabiex jgħallmu lill-parteċipanti livell minimu ta' ħiliet diġitali; jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw programmi ta' taħriġ dwar il-ħiliet elettroniki innovattivi u aċċessibbli, fejn il-ħtiġijiet ta' dawk li huma l-aktar esklużi mis-suq tax-xogħol jiġu kkunsidrati bis-sħiħ;
26. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħmlu dawn il-korsijiet onlajn komponent integrali mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ;
27. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jipromwovu l-kooperazzjoni bejn l-universitajiet u l-iskejjel tekniċi biex ikunu żviluppanti kurrikuli komuni tat-taħriġ elektroniku sabiex dawk kollha li jitgħallmu b'suċċess jingħataw punti tal-ECTS għal programmi ta' studju, korsijiet jew studji kompluti parzjalment;
28. Jilqa' l-gran koalizzjoni għall-impjiegi diġitali fil-livell Ewropew u jħeġġeġ lill-impriżi jingħaqdu ma' din il-koalizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni attiva tal-SMEs f'din il-koalizzjoni; jirrimarka r-rwol neċessarju tal-industrija privata biex jiġi eliminat in-nuqqas tal-edukazzjoni fil-ħiliet diġitali, u jieħu nota tar-rwol vitali tat-tagħlim doppju f'dan il-kuntest; jilqa' l-kampanja

tal-Kummissjoni dwar il-ħiliet diġitali u jistieden lill-parteċipanti kollha biex ikomplu jiżviluppawhom flimkien mal-istituzzjonijiet edukattivi u l-impriżi; iħeġġeġ il-gran koalizzjoni għall-impjiegi diġitali fil-livell Ewropew sabiex tiżviluppa rakkomandazzjonijiet għal forum ġodda ta' taġħlim, i.e. taġħlim onlajn, korsijiet qosra mfasla mill-impjegatur eċċ., sabiex tlaħħaq mat-teknoloġija diġitali li dejjem qiegħda tevolvi u mal-bidliet diġitali;

29. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-Att dwar l-Aċċessibilità Ewropew li ilu mwiegħed u mistenni ħafna jkun fattibbli biss f'soċjetà diġitali inklużiva li tikkunsidra l-ħtieġa għal aċċess ugwali għall-pjattaformi għal utenti b'diżabilità; jenfasizza, barra minn hekk, li d-diversità diġitali m'għandhiex tkun akkumpanjata mill-esklużjoni ta' persuni b'diżabilità;
30. Huwa konvint li l-aċċessibilità tinkiseb bl-aħjar mod u tkun l-aktar kosteffettiva meta tkun inkorporata mill-bidu bl-użu ta' approċċ ta' disinn universali, u li din tirrappreżenta wkoll opportunità potenzjali ta' negozju;
31. Jistieden lill-Kummissjoni biex tadotta Att dwar l-Aċċessibilità li jiggwarantixxi l-aċċessibilità ta' oġġetti u servizzi onlajn għall-persuni b'diżabilità;
32. Jiddeplora l-fatt li l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa ppubblikata mill-Kummissjoni ma tikkunsidrax il-ħtieġa li jkun żgurat aċċess sħiħ, ugwali u mhux restritt għal kulħadd għat-teknoloġiji diġitali, swieq u telekomunikazzjonijiet ġodda, b'mod partikolari fir-rigward tal-persuni b'diżabilità.
33. Jenfasizza l-importanza ta' Xogħol 4.0 u l-futur diġitali li jippreżenta għall-ħolqien ta' ambjent tax-xogħol li huwa favur il-familja u għall-kisba ta' bilanċ aħjar bejn il-ħajja tax-xogħol u l-ħajja privata;
34. Jenfasizza l-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni għall-implimentazzjoni ta' forum flessibbli ta' impjiegi, u partikolarment għall-faċilitazzjoni tar-ritorn għas-suq tax-xogħol għan-nisa li jkunu lestew perjodu ta' liv tal-maternità;
35. Jirrimarka li r-rivoluzzjoni diġitali qed tibdel ukoll il-modi ta' kif isir ix-xogħol, u dan iwassal għal żieda fir-relazzjonijiet ta' xogħol atipiċi u flessibbli: jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jivvalutaw il-ħtieġa għall-modernizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni soċjali u tax-xogħol biex jibqgħu aġġornati dwar dawn il-bidliet u biex jinkoraġġixxu s-sħab soċjali biex jaġġornaw il-ftehimiet kollettivi kif jixraq sabiex l-istandards ta' protezzjoni eżistenti fuq il-post tax-xogħol jistgħu wkoll jinżammu fid-dinja diġitali tax-xogħol;
36. Jirrikonoxxi li hemm effetti pożittivi b'rabta ma' arranġamenti ta' xogħol flessibbli għal xi nies, li jippermettulhom li jiksbu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; jirrimarka l-vantaġġi għan-nies minn żoni rurali u ekonomikament anqas żviluppati li jingħaqdu fis-suq tax-xogħol diġitali; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, madankollu, ix-xejra mmexxija mid-diġitalizzazzjoni lejn Prattiki ta' xogħol aktar flessibbli tista'...għal forum ta' impjiegi instabbli; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li jinżammu l-istandards attwali fir-rigward tas-sigurtà soċjali, il-pagi minimi, fejn applikabbli, il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol;
37. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali biex jiżviluppaw strateġiji

biex jiżguraw li l-persuni li jagħmlu xogħol bħallikieku kienu ħaddiema – irrispettivament minn jekk l-istatus uffiċjali tagħhom ikunx xogħol indipendenti jew ieħor – ikollhom drittijiet xierqa skont il-liġi tax-xogħol, inkluż id-dritt tan-negozjar kollettiv;

38. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi definit "xogħol indipendenti" sabiex jiġi evitat ix-xogħol indipendenti fittizju; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi skambju bejn l-Istati Membri dwar il-varji forom ta' impjeg indipendenti, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-mobbiltà u d-delokalizzazzjoni ta' xogħol diġitali; jemmen li din il-kwistjoni għandha tittieħed bħala komputu mill-pjattaforma dwar xogħol mhux iddikjarat;
39. Jenfasizza l-potenzjal tal-ekonomija tal-pjattaforma sabiex tiġġenera impjiegi u introjtu komplimentari flessibbli;
40. Jenfasizza li huwa meħtieġ li tiġi mħarsa l-kontinwità tal-impjiegi kulturali u kreattivi fl-era diġitali, billi jiġi żgurat li l-artisti u l-kreaturi jingħataw valur ġust għax-xogħlijiet kulturali u kreattivi mxerrda fuq il-pjattaformi tal-internet;
41. Jenfasizza li l-ekonomija kollaborattiva tirrikjedi kunsiderazzjoni mill-ġdid tad-dinja tax-xogħol; jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jaġġustaw il-qafas legali tagħhom għall-ekonomija diġitali, u b'mod partikolari għall-ekonomija kollaborattiva; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali biex jiżviluppaw strateġiji sabiex jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti kollha tkun disponibbli għal awtoritajiet nazzjonali u li t-taxxi kollha ta' xogħol jitħallsu għall-forom kollha ta' impjiegi;
42. Jenfasizza li l-armonizzazzjoni maħsuba għall-konsenja tal-pakketti mill-Kummissjoni m'għandhiex twassal għal inqas protezzjoni soċjali u kundizzjonijiet tax-xogħol għal dawk li jwasslu l-pakketti, irrispettivament mill-istatus ta' impjeg tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li d-drittijiet tal-ħaddiema f'dan is-settur dwar l-aċċess għal sistemi ta' sigurtà soċjali u d-dritt li jeżerċitaw azzjonijiet kollettivi huma rispettati;
43. Jenfasizza li l-libertà ta' assoċjazzjoni, li hija dritt fundamentali, trid tapplika wkoll fil-kuntest ta' forom ġodda ta' impjiegi fis-setturi kollha; jenfasizza li dan japplika wkoll għad-dritt li jikkonkludu ftehimiet kollettivi u d-dritt li jorganizzaw lill-ħaddiema;
44. Jistieden lis-sħab soċjali biex jipprovdu informazzjoni adegwata lill-ħaddiema dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet tal-ħaddiema fil-pjattaformi tal-crowdworking kollha;
45. Jenfasizza li d-diġitalizzazzjoni tax-xogħol tippreżenta sfidi ġodda kemm għall-impjegaturi kif ukoll għall-impjegati u li dan irid jiġi rifless b'mod ċar f'dispożizzjonijiet ċari rigward il-protezzjoni tad-data dwar l-impjegati; jistieden lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi standards minimi għolja skont ir-Regolament bażiku tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data; jirrimarka li jeħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jintroduċu miżuri aktar stretti li jmorru lil hinn mill-istandards minimi tal-UE;
46. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppami miżuri ta' protezzjoni tad-data tal-impjegati li jkopru forom ġodda ta' ġbir tad-data; jenfasizza li relazzjonijiet ġodda bejn il-bnedmin u r-robots jipprovdu wkoll opportunitajiet biex jitneħħew pizizjiet u jingħata appoġġ għall-inklużjoni ta' ħaddiema mdaħħla fl-età u dawk fiżikament jew mentalment żvantaġġati; jiġbed l-

attenzjoni dwar l-aspett tas-saħħa u tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn il-bnedmin u r-robots;

47. Iqis li huwa meħtieġ li l-effetti tad-diġitalizzazzjoni fuq is-saħħa u fuq is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol jiġu evalwati u li l-miżuri tas-saħħa u s-sikurezza eżistenti jiġu adattati kif xieraq; jinnota l-possibbiltà ta' aċċidenti li għalihom jistgħu jiġu esposti persuni fil-kuntest ta' telexogħol jew crowdworking mid-dar; jenfasizza li l-problemi tas-saħħa mentali relatati max-xogħol bħall-eżawriment ikkawżati mill-aċċessibbiltà kostanti u l-erożjoni ta' arranġamenti ta' ħin tax-xogħol tradizzjonali jirrappreżentaw riskju serju għall-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni biex tikkummissjona studju dwar l-effetti sekondarji tad-diġitalizzazzjoni bħalma hija l-intensità oġhla tax-xogħol fuq il-benesseri psikoloġiku u l-ħajja tal-familja tal-impjegati kif ukoll fuq l-iżvilupp tal-kapaċitajiet konjittivi tat-tfal.
48. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw sigurtà soċjali adegwata għal min jaħdem għal rasu u għal ħaddiema freelance, li huma atturi ewlenin fir-rigward ta' forom ġodda ta' impjieg;
49. Jenfasizza li l-għoti ta' sigurtà soċjali hija l-kompetenza ta' Stat Membru;
50. Jirrikonoxxi li hemm forom differenti ħafna ta' protezzjoni soċjali għal dawk li jaħdmu għal rashom fl-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw sistemi ta' sigurtà soċjali, flimkien mas-sħab soċjali u skont il-liġi u l-prattika nazzjonali, sabiex jipprovdu protezzjoni soċjali aħjar b'mod partikolari fir-rigward ta' pensjonijiet, diżabilità, maternità/paternità, mard u qgħad.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	10.11.2015
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 48 -: 4 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Laura Agea, Guillaume Balas, Tiziana Beghin, Mara Bizzotto, Vilija Blinkevičiūtė, Enrique Calvet Chambon, David Casa, Ole Christensen, Lampros Fountoulis, Elena Gentile, Arne Gericke, Thomas Händel, Danuta Jazłowiecka, Agnes Jongerius, Jan Keller, Ādām Kósa, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Zdzisław Krasnodębski, Kostadinka Kuneva, Jérôme Lavrilleux, Jeroen Lenaers, Verónica Lope Fontagné, Javi López, Dominique Martin, Elisabeth Morin-Chartier, Marek Plura, Anne Sander, Sven Schulze, Siôn Simon, Jutta Steinruck, Romana Tomc, Yana Toom, Ulrike Trebesius, Ulla Tørnæs, Marita Ulvskog, Renate Weber, Tatjana Ždanoka, Jana Žitňanská, Inês Cristina Zuber
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Tim Aker, Georges Bach, Amjad Bashir, Lynn Boylan, Tania González Peñas, Dieter-Lebrecht Koch, António Marinho e Pinto, Edouard Martin, Joachim Schuster, Michaela Šojdrová, Ivo Vajgl, Flavio Zanonato
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Sorin Moisă